MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 1012/2006

**Talba Nru: 1012/06PBC**

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Annette Barry ID: 87866M u Alexander Casha ID: 285153M**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitejn u hmistax-il lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm215.18c) rapprezentanti bilanc dovut fuq uzu ta' servizz telefoniku li jgib in-numru 21445494 (account 10136521- file 858/47) liema servizz gie nstallat fil-fond bin-numru ufficjali

Rosanne Flat 1, Birbal Street, Balzan skond diversi kontijiet mibghuta lilu u skond id-dokumenti hawn annessi IZY1 applikazzjoni ghas-servizz telefoniku, IZY2 applikazzjoni ghal *star service* fuq l-istess servizz telefoniku, IZY3 kopja ta’ ftehim ghall-pagamenti mensili IZY4 prospett tas-servizz relattiv.

Ra li fis-seduta tat-12 ta’ Dicembru, 2006 dehret il-konvenuta Annette Barry u ammettiet il-kawza pero’ talbet zmien ghall-hlas.

Ra li l-konvenut Casha gie debitament notifikat u rrisponda illi t-talbiet attrici fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Illi l-gudizzju fil-konfront tieghu m’huwiex integru peress li l-mara m’hijiex inkluza. Illi t-talbiet tieghu huma preskritti. Illi hija l-konvenuta l-ohra Annette Barry li ghandha taghti lill-atturi u mhux l-eccipjent li kien biss il-persuna li krielha l-fond fejn kien installat dan is-servizz. Illi dan il-fatt huwa kkonfermat mill-fatt illi l-konvenuta l-ohra ga ammettiet li hija responsabbli ghal dan il-kont la darba hemm din l-ammissjoni il-kontinwazzjoni tal-proceduri fil-konfront tal-eccipjent hija jekk xejn vessatorja. Illi la darba l-persuna li fil-verita’ wzat is-servizz hija wkoll il-konvenuta, dan it-Tribunal ghandu jsib responsabbli lill-persuna li fl-ahhar mill-ahhar uzat is-servizz u holqot il-kont. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta’ attrici u ta’ Alex Falzon.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta’ attrici u tal-Prokuratur Legali Pauline Mallia ghall-konvenut Casha.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi permezz ta’ ftehim tas-6 t’Awissu, 1986 Alexander Casha applika biex jinghata

servizz tat-telefon fuq il-post Rosanne Flat 1, Birbal Street, Balzan u fil-fatt inghata n-numru 445494.

Sussegwentement jirrizulta illi l-istess Alex Casha applika ghal *star service* fuq l-istess telephone number. Jirrizulta wkoll ippruvat sodisfacentement illi l-ammont mitlub huwa attwalment dovut u li l-konvenuta Annette Barry apparti li ammettiet it-talba attrici f'dawn il-proceduri, ffirmat *payment programme agreement* fid-29 ta' Gunju, 2005 meta l-ammont dovut kien ammontanti ghal mitejn u hamsa w erbghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm245.18c) u minn dan l-ammont hallset biss tletin lira Maltin (Lm30) u ghalhekk fil-konfront taghha t-talba kif dedotta tisthoqq li tigi milqugha.

Fir-rigward ta' Alexander Casha, mill-provi jirrizulta illi li huwa kien assenti minn Malta fiz-zmien meta akkumula l-kont mertu tal-kawza, izda ma jirrizultax li f'xi hin dan is-servizz gie ttrasferit minn fuqu ghal fuq min kien qed juza l-post attwalment jew li l-Maltacom b'xi mod accettat li tezonera lil Alexander Casha bhala *subscriber*.

Huwa minnu li l-Maltacom ghamlet ftehim ma' Annette Barry kif fuq premess izda jidher mill-iskrittura li tinsab a fol 4 tal-process illi Annette Barry hija ndikata bhala *co-debitor* filwaqt illi fuq l-istess ftehim jidher isem Alexander Casha li huwa *the registered subscriber* u konsegwentement minn dan id-dokument ma jistax jinghad li l-Maltacom kienet qeghda tirrinunzja ghall-pretenzjonijiet taghha fil-konfront ta' Alexander Casha.

Inoltre dan it-Tribunal izid illi l-konvenut Casha, bhala *registered subscriber* jibqa' dejjem responsabbli ghall-kontijiet li akkumulaw minn zmien ghal zmien fuq servizz in kwistjoni u jekk javza lil Maltacom li ma jridx aktar is-servizz registrat fuq ismu u biex b'hekk ma jibqax ir-*registered subscriber*, ikun proprju minn dak il-mument 'il quddiem li ma jibqax aktar responsabbli ghall-kontijiet li jakkumulaw.

Billi huwa evidenti illi l-kontijiet in kwistjoni telghu fiz-zmien meta l-kont kien ghadu rregistrat fuq Casha, t-Tribunal

m’ghandux alternattiva illi jsib lill-istess Alexander Casha ugwalment responsabbli ghall-hlas ta’ l-ammont mitlub b’dan illi stante li l-kont in kwistjoni sar fi zmien meta l-appartament fejn kien installat it-telefon kien ghand Annette Barry, ghandha ssir riserva favur l-istess Alexander Casha sabiex jekk irid, jirrivalza l-pretenzjonijiet tieghu fil-konfront ta’ Annette Barry halli tirrifondilu l-ammont li talvolta jista’ jigi mgieghel ihallas lill-Maltacom.

Illi ghar-rigward ta’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-konvenut ma ndikax l-Artikolu tal-ligi li fuqu qed jibbaza tali eccezzjoni u mhux konsentit li dan it-Tribunal jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas. Illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut, kompriza dik tal-preskrizzjoni u konsegwentement jilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u hmistax-il lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm215.18c) bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tan-notifika ta’ l-istess.

Inoltre qed issir riserva favur il-konvenut Alexander Casha fil-konfront tal-konvenuta Annette Barry ghal kull pretenzjoni li jista’ jkollu kontra taghha, naxxenti minn din is-sentenza, *si et quatenus.*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------